MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2011

Appell Civili Numru. 17/2008/1

**J.E.M. Investments Limited.**

**v.**

**Avukat Generali**
**u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2008**
**gie kjamat in kawza Norman Buckle**
**in rapprezentanza tas-socjeta` Chevron Ltd**
**u l-istess Norman Buckle u Victor Balzan**
**bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta` B & B Property Development Company Ltd.**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

1. Dan huwa appell ad istanza tas-socjeta` J.E.M. Investments Limited minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-9 ta' Novembru 2010.

2. Il-Qorti tal-ewwel grad iddecidiet billi laqghet ir-risposta tal-intimat u tas-socjetajiet kjamati in kawza u cahdet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti.

3. Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tannetti ma' din is-sentenza kopja tas-sentenza tal-ewwel Qorti bhala Annex A.

## Rikors tal-appell ta' socjeta` J.E.M. Investments Limited

4. Is-socjeta` J.E.M. Investments Limited interponiet appell mis-sentenza surreferita billi hassitha aggravata stante li sostniet li zewg Qrati ta' gurisdizzjoni civili, wara li saret il-korrezzjoni ta' zball f'att, ippersistew li jharsu lejn id-dokument li kien fih l-izball minflok lejn id-dokument li bih l-izball gie msewwi. Biex issostni dan l-aggravju l-appellanti ghamlet diversi sottomissjonijiet ghall-konsiderazzoni ta' din il-Qorti fosthom li:-

5. Ghalkemm Qorti ghandha dritt li taghmel l-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, ma tistax tirrifjuta li tiehu konjizzjoni ta' dokument li jkun sewwa zball u li l-parti l-ohra tkun qablet li kien zbaljat. Ghalhekk il-Qorti ghamlet analizi zbaljata tas-sitwazzjoni fil-kaz prezenti.

6. Inoltre l-Qorti kellha toqghod fuq il-verbal li sar bejn il-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' April 1996 fejn iz-zewg pagamenti in kwistjoni kienu gew eskluzi mill-pagamenti li Chevron Limited setghet ghamlet. Dan il-verbal ma kellux jigi skartat.

7. Ghalhekk is-socjeta` appellanti talbet li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Risposti tal-intimati**

8. L-intimati ressqu r-risposti taghhom ghall-appell, u ghar-ragunijiet minnhom individwalment sollevati fir-risposta rispettiva taghhom, qablu li l-aggravji mressqa mir-rikorrenti huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt u li s-sentenza ghandha tigi kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

**Kontestazzjoni**

9. Bhala fatti jirrizulta illi hemm zewg sentenzi fl-ismijiet **Joseph Borg noe v. Norman Buckle nomine et**, Citazz.nru 64/90[1] u Citazz.nru 672/92. L-ewwel kawza giet appellata u nghatat decizjoni fis-16 ta' Dicembru 2003; it-tieni kawza giet appellata u deciza fit-28 ta' April 2006 u saret ritrattazzjoni taghha u nghatat decizjoni fis-26 ta' April 2007. Ir-rikors kostituzzjonali odjern jirrigwarda dak li gie deciz fis-sentenza tal-Appell tat-28 ta' April 2006 u dik tar-ritrattazzjoni deciza fis-26 ta' April 2007 (citazz. 672/92).

10. Skont l-appellanti fis-sentenza tat-28 ta' April 2006, il-Qorti tal-Appell strahet fuq id-dokument "C" li gie pprezentat mis-socjeta` rikorrenti li kien fih zball billi s-socjeta` rikorrenti erronjament akkreditat lis-socjeta` Chevron Limited b'zewg pagamenti ta' Lm2,806 u Lm6,000, li ma kienux hlas minn Chevron Limited.

11. Skont is-socjeta` rikorrenti kien hemm qbil bejn il-kontendenti li dawn l-ammonti ma kienux pagamenti maghmula minn Chevron Ltd u ghalhekk id-Dok. C ma setghax jitqies bhala korrett fl-interezza tieghu.

[1] Kien f'din il-kawza li tressaq id-dokument C a fol 27 li ta lok ghal proceduri odjerni. Fis-17 ta' Frar 1992 Joe Borg esebixxa prospett u halef li kien nehha zewg pagamenti li kien inkluda bi zball. Dok NB1 a fol. 34.

12. Illi kien ghalhekk, b'rizultat ta' zball car da parti tal-Qorti tal-Appell, illi dan id-dokument b'figuri zbaljati gie minnha adottat biex tistrieh fuqu fid-deliberazzjonijiet taghha u minflok akkordat is-somma ta’ LM27,327.10 laqghet it-talba tas-socjeta` rikorrent ghal Lm16,232.99 biss.

13. Illi meta l-Qorti tal-Appell giet biex tiddeciedi t-talba ghal ritrattazzjoni tal-istess kawza, minflok ma sewwiet l-izball gudizzjali, minkejja li kienet ingibditilha l-attenzjoni taghha ghalih, ikkonkludiet illi fis-sentenza attakkata l-Qorti tal-Appell kellha kull dritt li "taghzel prova minflok ohra".

14. Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ssostni li minhabba dan kollu hi ma kellhiex process gust kemm fir-rigward tas-sentenza tat-28 ta’ April 2006 (Appell) kif ukoll fir-rigward tas-sentenza tas-26 ta’ April 2007 (Ritrattazzjoni) billi l-Qorti ma kellhiex tistrieh fuq dokument li fuqu l-partijiet kienu qed jaqblu li ma kienx korrett.

15. L-intimati jissottomettu li din il-kawza hija abuziva u frivola u vessatorja stante li l-mertu tar-rikors promotur huwa l-istess mertu tal-procedura ta' ritrattazzjoni fil-kawza **Joseph Borg v. Norman Buckle noe et noe** (Citazz Nr 672/1992). Huma jikkontendu li l-funzjoni tal-Qorti fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tiddeciedi jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea. Kull allegat zball li seta’ kien hemm fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, gie rimedjat meta l-attur nomine inghata smigh xieraq fis-sentenza ta' ritrattazzjoni illi kellha l-potenzjal illi twassal ghat-thassir tal-istess sentenza.

**Sentenza tal-ewwel Qorti**

16. Il-Prim’ Awla, Sede Kostituzzjonali ddecidiet li z-zewg sentenzi attakkati mertu ta’ dawn il-proceduri jidhru u effettivament jissodisfaw l-elementi kollha ta’ kuncett ta’

smigh xieraq ghaliex il-partijiet gew moghtija l-opportunita` kollha li jressqu l-provi taghhom u jaghmlu is-sottomissjonijiet taghhom. Hi kompliet tghid li mill-att promotorju jidher li dak li qed tittenta taghmel is-socjeta` rikorrenti huwa li tappella mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, kemm f'dik li hija procedura normali u kemm fil-procedura ta' ritrattazzjoni u b'hekk l-istess socjeta` rikorrenti qed tittenta tiehu rimedju iehor u ulterjuri fid-dritt civili u tuzah fil-kamp tad-dritt kostituzzjonali, haga li ovvjament m'hijiex permessa f'din is-sede. Dan l-istess ilment kien gja tpogga quddiem, ezaminat u trattat mill-Qorti tal-Appell fil-proceduri ghal ritrattazzjoni u l-Qorti Kostituzzjonali ma kellhiex isservi ta' qorti ta' revizjoni.

**Konsiderazzjonjiet ta' din il-Qorti**

**Talbiet tas-socjeta` rikorrenti**

17. Is-socjeta` rikorrenti ghamlet zewg talbiet biex il-Qorti:

1. Tiddikjara illi d-dritt taghha ghal smigh xieraq garantit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319) gie vvjolat kemm bis-sentenza tat-28 ta' April 2006 kif ukoll bis-sentenza tas-26 ta' April 2007 moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza Citazzjoni Numru 672/92;

2. Tordna l-hlas ta' somma lis-socjeta`rikorrenti bhala kumpens xieraq, li tkun tinkludi l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, tmien mija u tnejn u erbghin ewro u tnejn u tletin cents (€25,842.32) ekwivalenti ghal Lm11,094.11 rapprezentanti l-ammont li ghadu dovut lis-socjeta` rikorrenti, bl-interessi mis-26 ta' Marzu 1989 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll l-ispejjez gudizzjarji tal-kawza Citazzjoni Numru 672/92. Bl-ispejjez.

**Smigh xieraq**

18. Dwar l-ewwel talba ta-socjeta` rikorrenti, l-ewwel Qorti osservat li minkejja li l-lanjanza tar-rikorrenti giet

spjegata mil-lat ta' allegazzjoni ta' fatti, fl-ebda punt fir-rikors promotur ma hemm indikat liema element ta' smigh xieraq kien, fl-opinjoni tas-socjeta` rikorrenti, nieqes quddiem il-Qorti tal-Appell, bhal nghidu ahna, *equality of arms*, *independent and impartial tribunal* jew *audi alteram partem*. Qalet pero` li kien jidher illi l-lanjanza tar-rikorrenti tirrigwarda iktar il-mod kif il-Qorti ezaminat il-provi prodotti quddiemha u d-diskrezzjoni li hija ezercitat sabiex tasal ghall- gudizzju fit-trattazzjoni u fil-motivazzjoni taghha, kemm fl-istadju ta' appell kif ukoll f'dak ta' ritrattazzjoni.

19. Fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-kaz in ezami, jidher infatti li l-aspett invokat mis-socjeta` rikorrenti huwa dak li jissemma' fil-kaz ta' **Kraska**[2], fejn il-Qorti ta' Strasbourg spjegat f'hiex jikkonsisti d-dritt ghal 'smigh xieraq' u hadet bhala punt tat-tluq li l-iskop tal-Artikolu 6 huwa "to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision".

20. F'dak il-kaz il-Qorti evitat li tennumera l-kriterji fl-astratt u semmiet biss li "in each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the picture which the proceedings as a whole present".

21. F'dan l-appell is-socjeta` rikorrenti qed terga' tissottometti ghal darb'ohra li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell giet deciza 'hazin' billi wara li saret korrezzjoni f'dokument fil-kawza Citaz Nru. 64/90, zewg qrati ta' gurisdizzjoni civili ppersistew li jharsu lejn id-dokument li kien fih l-izball u mhux lejn id-dokument ikkoregut. Din l-allegazzjoni, cioe` li s-sentenza kienet zbaljata, tirrizulta ampjament mill-atti processwali, mit-talba ghar-ritratazzjoni u mir-rikors tal-appell fejn dan l-aggravju gie ripetut *ad nauseam*.

---

[2] 19th April 1993 para 30; ara wkoll Barbera',Messegue' and Jabardo, para 68.

22. L-argument tas-socjeta` appellanti fil-fatt baqa' dejjem l-istess, kemm quddiem il-Qorti tal-Appell, fil-kawza tar-ritrattazzjoni kif ukoll quddiem il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fejn hemmhekk l-ilment inghata xejra kostituzzjonali billi s-socjeta` rikorrenti bdiet issostni li ma nghatatx smigh xieraq.

23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-socjeta` rikorrenti, id-dritt ghas-smigh xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu izda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' certi principji procedurali (indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti u tal-gudikant, *audi alteram partem* u smigh u pronuncjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konducenti ghall-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati ohra biex tghid jekk dawn gewx decizi 'sewwa' jew le, izda hija limitata ghall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.

24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:

a. "The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". **(Application 6172/73, X v. U.K.)**[3]

Jinghad ukoll li:

b. "It is primarily for the national law to lay down rules on the admissibility of evidence and for the national court to assess the evidence which is adduced".[4]

---

[3] Ara wkoll is-sentenza Fatiha Khallouf v. Kummissarju tal-Pulizija P.A. (VDG) 28/12/2001.

[4] Minn Human Rights files No. 13, para 89. Article 6 of the ECHR.

Izda gie precizat li:

c. “Notwithstanding the general statements above, the Commission stated that it would intervene where the assessment of evidence disclosed gross unfairness or arbitrariness. **(Applikazzjoni**: **7987/77).** What this means in practice has not been explored. The fact that a judge prefers the evidence of a particular witness is unlikely to be sufficient, unless his stated reasons for doing so disclose a fundamental unsoundness. (**Schuler–Zgraggen v Switzerland 1993).**

25. Ghalhekk skont il-Qorti ta’ Strasbourg l-allegazzjoni li l-kawza giet deciza hazin **wahedha** ma tirradikax ksur ta’ dritt ghal smigh xieraq.

26. F’dan ir-rigward is-socjeta` rikorrenti qed issostni li hija ma nghatatx smigh xieraq ghax is-sentenza hija msejsa fuq prova monka, u dan billi meta s-socjeta` rikorrenti intebhet bl-izball hija kkorreggietu tempestivament izda nonostante dan, zewg qrati civili ma riedux jaghtu kaz tal-korrezzjoni u ppreferew li joqghodu fuq prova monka. Is-socjeta` rikorrenti tissottometti wkoll li Qorti ghandha dritt li hi taghmel l-apprezzament tal-provi u tezercita d-diskrezzjoni taghha, izda ebda Qorti ma tista’ twarrab bhala prova dokument li parti tkun ikkorregiet.

27. Il-kwistjoni fil-kaz in ezami ghalhekk hija jekk meta z-zewg qrati civil accettaw bhala prova d-Dokument C u strahu fuqu u mhux id-dokument korreggut, huma ghamlux dan b’mod arbitrarju u bla ebda raguni ta’ xejn.

28. Il-punt sollevat mis-socjeta` rikorrenti gia` gie kkunsidrat kemm mill-Qorti tal-Appell, kif ukoll fil-kawza tar-ritrattazzjoni u quddiem il-Prim’ Awla (Sede Kostituzzjonali). Ilkoll sabu li s-socjeta` rikorrenti ma kellhiex ragun fis-sottomissjoni taghha.

29. Il-Qorti tal-Appell tat ir-raguni taghha ghaliex hija kienet qeghdha tistrieh fuq id-Dokument C u taccetta dak li kienu qed isostnu s-socjetajiet intimati.

30. Il-Qorti tal-Appell wara li ezaminat l-provi li kellha quddiemha fiz-zewg kawzi, 64/90 u 672/92 accettat id-dokument C u l-provi li ressqu il-kjamati fil-kawza fis-sens li z-zewg pagamenti kienu effettivament saru. Hi waslet ghall-konkluzjoni li "*tadotta bhala korrett l-istatement eżebit fil-proceduri Citazzjoni Numru 64/90 mhux biss ghax dan l-istatement sar vicin hafna d-data rilevanti, iżda wkoll billi dan gia` jifforma l-meritu ta' proceduri li gew deciżi minn din il-Qorti*". Il-Qorti tal-Appell ghalhekk tat ir-raguni u mmotivat id-decizjoni taghha ghaliex accettat id-Dokument C u mhux semplicement injorat l-argumenti u dak li gie rilevat mis-socjeta` rikorrenti. Il-Qorti ma qablitx mas-sottomissjonijet tas-socjeta` rikorrenti, haga li hi setghet legalment taghmel.

31. Is-socjeta` rikorrenti tinsisti li kien hemm qbil bejn il-partijiet li dawn l-ammonti ma kienux pagamenti maghmula minn Chevron Ltd u ghalhekk id-Dok C ma setghax jitqies bhala korrett fl-interezza tieghu. Il-kjamati fil-kawza pero` ma jaqblux li kien hemm dan il-qbil imma jsostnu li huma kienu dejjem oggezzjonaw ghal prospett gdid ipprezentat mis-socjeta` rikorrenti billi sostnew li kien isir bejgh ta' proprjeta'` lil terzi u xi drabi dawn kienu jhallsu direttament lis-socjeta` rikorrenti. Huma ressqu diversi xhieda biex juru li xi pagamenti fil-fatt kienu saru hekk. Is-socjeta` rikorrenti cahdet li dawn iz-zewg pagament kienu hlas akkont mis-socjeta` kjamata fil-kawza. F'dan l-istat ta' provi ma jistax jinghad li kien hemm xi qbil bejn il-partijiet kif issemmi s-socjeta` rikorrenti. Dan il-punt gie trattat estensivament fil-kawza 64/90[5].

32. Is-socjeta` rikorrenti ssemmi wkoll li l-Qorti kellha toqghod fuq il-verbal li sar bejn il-partijiet fl-udjenza tat-22 ta' April 1996 fejn iz-zewg pagamenti in kwistjoni kienu

[5] Ara fol 162 et seq. Ara wkoll xiehda ta' Norman Buckle tal- 11 ta' Frar 2010 a fol 61 et f'dan r-rikors.

gew eskluzi mill-pagamenti li Chevron Limited setghet ghamlet u ghalhekk dan il-verbal ma kellux jigi skartat. Is-socjeta` kjamata fil-kawza tissottometti li bil-verbal li sar quddiem il-Qorti tal-Appell il-vertenza fil-kawza 64/90 giet limitata ghall-prova tal-pagament o meno ta' tlett pagamenti u kienet saret riserva li *t-talba tigi milqugha indipendentement mill-konteggi finali tal-kontendenti.* Dan il-verbal skont is-socjeta` kjamata fil-kawza ma jistax jigi kkunsidrat bhala b'xi mod accettazzjoni li l-ammonti inkluzi fil-prospett C ma kellhomx jigu nkluzi.

33. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-veracita` o meno ta' dawk iz-zewg pagamenti kienet ilha in kontestazzjoni mis-sena 1992 u baqghet tigi dibattuta fil-kawzi sussegwenti. Il-verbal kellu jittiehed in konsiderazzjoni fil-kuntest tal-kawzi kollha li kien hemm bejn il-partijiet.

34. Din il-Qorti pero` tirrileva li hija m'hijiex ser tidhol fil-mertu ta' dawk il-kontestazzjonijiet billi l-funzjoni taghha huwa limitat ghal indagini jekk is-socjeta` nghatax smigh xieraq u opportunita` li tressaq il-provi taghha u taghmel is-sottomissjonijiet fir-rigward tal-lanjanza taghha quddiem il-Qorti. Il-lanjanza tas-socjeta` rikorrenti fil-fatt giet hekk ikkunsidrata quddiem il-Qorti tal-Appell.

35. Is-socjeta` rikorrenti kellha wkoll l-opportunita` li tressaq ghal darb'ohra s-sottomissjonijiet u l-lanjanza taghha fil-kawza ta' ritrattazzjoni. F'dik il-kawza l-Qorti tal-Appell ikkonfermat li ma kien sar ebda zball meta l-Qorti tal-Appell accettat li toqghod fuq id-Dokument C. Hi qalet hekk:

36. "Illi minn eżami bir-reqqa ta' dak li seħħ matul il-kors tas-smigħ tal-kawża fi stadju tal-appell, din il-Qorti ssib li dan m'huwiex każ fejn is-sentenza li ngħatat kienet l-effett ta' żball, imma kien każ fejn il-Qorti sabet li, għall-kuntrarju ta' dak li tallega r-rikorrenti, <u>dak id-dokument kien wieħed li kien ta' min joqgħod fuqu u jaccettah aktar mid-dokumenti kollha li tressqu mill-partijiet sa dak inhar, u tat ukoll ir-ragunijiet għaliex għamlet din l-għażla.</u> Dan kien eżercizzju għal kollox interpretattiv, bl-applikazzjoni tar-regoli tal-ligi, eżercizzju li jsir minn kull gudikant, taqbel

jew ma taqbilx miegħu. Mhux kwestjoni ta' żball li jidher "*ictu oculi*" mill-atti tal-kawża, iżda konklużjoni li din il-Qorti setgħet tasal għaliha billi tagħżel prova minflok oħra, u, b'żieda ma' dan, timmotiva dik l-għażla tagħha b'ragunijiet li m'humiex irragonevoli jew kontra l-logika". (sottolinear ta' din il-Qorti).

37. Kif tikteb **Karen Reid** fil-ktieb "**From A Practitioner's Guide to the ECHR"** 3rd Edition at pages 119 et seq:

38. "Article 6, para.1 does not lay down any rules as to the admissibility of evidence which is primarily a matter for the regulation under national law. Relevant are any aspects which might remedy or mitigate the alleged unfairness and whether the matter was subject to careful scrutiny by the appeal courts".

39. F'dan il-kaz is-socjeta` rikorrenti nghatat l-opportunita` fil-kawza ta' ritrattazzjoni li taghmel is-sottomissjoniet taghha u terga' tressaq il-kaz taghha b'mod shih biex tirrimedja l-allegat zball. Il-procedura ta' ritrattazzjoni setghet twassal, kieku s-socjeta` rikorrenti kellha ragun, ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, izda rrizulta li ma kien hemmx bazi fuq hiex dik is-sentenza setghet terga' tigi ritrattata billi ma sar ebda zball.

40. Ghalhekk kienet korretta ukoll il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) meta kkonkludiet li z-zewg sentenzi attakkati effettivament jissodisfaw l-elementi kollha ta' kuncett ta' smigh xieraq ghaliex il-partijiet gew moghtija l-opportunita` kollha li jressqu l-provi taghhom u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom.

41. L-aggravju tas-socjeta` rikorrenti ghalhekk qed jigi michud.

**Decide**

42. Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata u tichad ghalhekk l-appell tas-

socjeta` appellanti, u in vista tan-natura fiergha u vessatorja tal-appell interpost, u wara li ssir riferenza ghall-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdha tikkundanna lill-appellanti thallas lill-appellati l-ispejjez gudizzjarji ghal darbtejn.

Deputat Registratur
Df

## ANNEX A

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Rikors Numru 17/08, fl-ismijiet J.E.M. Investments Limited v. Avukat Generali et deciza fid-9 ta' Novembru 2010, qeghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------